MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 642/2001/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Bonnici sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Gilbert Portelli u Michael Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmintax-il Lira Maltin u disgha u disghin**

**centezmu (LM618.99,0), jew ammont verjuri li jigi likwidat minn dina l-qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha b'konsegwenza tal-incident awtomobilistiku tal-15 ta' Ottubru tas-sena 2000, fi Triq Hal-Far, Birzebbugia bejn il-vettura numru LCC-591 misjuqa minn Gilbert Portelli u l-karozza numru HAO-535 misjuqa minn Michael Pace, meta giet danneggjata l-karrozza numru DBF-338 proprjeta' tal-assikurat Carmel Bonnici li kienet ipparkjata fil-genb tat-triq, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn li l-imsemmi incident gara b'tort unikament taghhom jew min minnhom, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom jew min minnhom;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi LM10 tal-konsult, LM3 tar-"Road Accident Report" u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuti, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gilbert Portelli datata t-12 t' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixa s-segwenti:**

**1) Illi l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Michael Pace li kien qieghed isuq il-vettura HAO-535 u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;**

**2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Pace datata t-18 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tal-esponent pero' tort unikament tal-konvenut l-iehor Gilbert Portelli stante negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u dan meta qasam il-karreggjata tal-esponent minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji;**

**2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju d-danni riklamati huma eccessivi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikamenet kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-15.45 tal-15 t'Ottubru tas-sena 2000 gewwa Triq Hal-Far, Birzebbugia;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti jirrizultaw li kienu s-segwenti:**

**a. Dik bin-numru ta' registrazzjoni LCC-591 tal-marka Seat Ibiza misjuqa mill-konvenut Gilbert Portelli;**

**b. Dik bin-numru ta' registrazzjoni HAO-535 tal-marka Honda Civic misjuqa mill-konvenut l-iehor Michael Pace;**

**c. Dik bin-numru ta’ registrazzjoni DBF-338 tal-marka KIA Avella misjuqa minn Ramon Bonnici debitament awtorizzat isuq l-istess vettura mill-assigurat tas-socjeta’ attrici Carmel Bonnici li sussegwentement issurroga lill-istess socjeta’ fid-drittijiet kollha tieghu;**

**3. Illi rizultat ta’ dan l-incident il-vettura DBF-338 fuq indikata soffriet hsara komplessiva ammontanti ghall-sitt mija u tmintax-il Lira Maltija u disgha u disghin centezmu, (LM618.99,0), ara fol 19 et seq, li eventwalment ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta’ attrici;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi jirrizulta li fil-hin ta’ l-incdent in dizamina l-vettura bin-numru DBF-338 fuq indikata kienet ipparkjata fit-triq fuq imsemmija;**

**Illi l-incident de quo kellu l-bidu tieghu ftit aktar qabel meta l-vetturi bin-numri LCC-591 u HAO-535 habtu bil-konsegwenza li l-vettura LCC-591 baqghet diehla fil-vettura DBF-338 li kienet regolarment ipparkjata fl-istess triq;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm il-konvenut Portelli jsostni li saq skond ir-regolamenti tat-traffiku meta gie biex johrog minn triq trasversali ghat-triq principali fejn sar l-incident billi meta gie biex jaghmel din il-manuvra jsostni li naqqas il-velocita’ u xeghel l-“indicator”, jirrizulta mod iehor;**

**Illi skond ix-xhud Josef Vella, xhud okulari li nzerta ra l-incident de quo, jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi ra lill-konvenut Michael Pace isuq fi Triq Hal-Far;**

**2. Illi ra lill-konvenut Gilbert Portelli hiereg dritt mit-triq trasversali sekondarja f'daqqa;**

**3. Illi ra lill-konvenut Portelli jibqa' diehel fuq il-konvenut Pace;**

**4. Illi ra lill-konvenut Portelli jsuq b'velocita' eccessiva u qawwija;**

**5. Illi ma' din l-ewwel habta l-konvenut Portelli baqa' sejjer b'velocita' fuq il-vettura innocenti assigurata mas-socjeta' attrici;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-vettura tal-marka Kia Avella bin-numru DBF-338 kienet regolarment ipparkjata fil-hin ta' l-incident;**

**2. Illi kienet il-vettura tal-marka Seat Ibiza bin-numru LCC-591 misjuqa mill-konvenut Gilbert Portelli li kienet il-kawza principali ta' l-incident in dizamina;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Pace, tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gilbert Portelli u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Gilbert Portelli unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-kawza li sehh fi Triq Hal-Far, fil-15 ta' Ottubru tas-sena 2000;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt mija u tmintax-il Lira Maltija u disgha u disghin centezmu, (LM618.99,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Gilbert Portelli biex ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici bl-ispejjez mid-data ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz promotur ta' din il-procedura.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------